Minuti tal-45 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li giet imsejha b'urgenza u li saret nhar il-Erbgha 18 ta' Frar, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 10.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Shirley-Ann Cecchini infurmat lill-Kunsill li ma tistax tattendi minhabba xoghol.
Anthony Camilleri informa ill-Kunsill li ma jistax jattendi minhabba li ma kienx jiflah.
L-Ambaxxatrici V16 infurmat lill-Kunsill li ma tistax tattendi minhabba skola.

**1.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements**

1.1 Gie spjegat li'l-laqgha b'urgenza issejhet sabiex ikunu jistghu jigu approvati il-Financial Statements.

Waqt l-ispjegazzjoni saret telefonata lill-Accountat fejn saru xi kjarifiki ghall-mistoqsijiet li tqajmu.

Il-Kunsill approva l-unaudited financial statements.

**2.0 Materji Ohra**

2.1 Saret diskussjoni dwar l-attivita' karnivaleska li kienet proposta fil-laqgha li jmiss fejn din tista' ssir fuq il-gurnata tas-Sibt 2 ta' April, 2016 biss peress li l-Hadd hemm diga attivita' ppjanata min-naha tal-Kumitat tal-Briju.

Il-Programm filghodu ser jinkludi attivita' minn Green MT dwar reciklagg u wara nofsinhar ser ikun hemm gruppi taz-zfin li jizfnu tal-karnival. Il-Gruppi Ghawdxin kienu qed jigu avvicinati mill-Kunsill sabiex juru l-intress taghhom. Gie suggerit sabiex nikkuntatjaw lil Noel Castillo sabiex min-naha tieghu jkun jista' jikkuntatja gruppi Maltin u jara min minnhom jixtieq li jigu.

Emanuel Muscat issugerixxa li peress tkun qalbet is-siegha, s-serata tibda' fis-6pm. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ghad irid jara kemm ser ikun hemm hin ta' partecipazzjoni qabel jiddeciedi fuq il-hin. Min-naha l-ohra il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jmexxi fuq il-programm.

2.2 Saret diskussjoni dwar it-tappieri ta' quddiem il-Knisja fejn il-Kunsill qabel li ghandu jigi ikkuntatjat A&E Mintoff sabiex isir il-manutenzjoni mehtiega.

2.3 Is-Sindku informa li l-ewwel pagament tal-Progett tan-Night Shelter li kien jammonta ghal €20,000.00 kien wasal u kif kien stipulat fil-kuntratt dan gie mghoddi lill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni.

Il-Kunsill gie infurmat ukoll li skond dan il-kuntratt is-Segretarjat ser ikun qed ihallas tal-kmamar darba fis-sena.

## 12.0 Aggornament

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm fil-gimgha li tibda' 7 Marzu, 2016.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 10.36am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv